# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2015

## It-Tieni Sessjoni

## Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

## Il-Ħin: 30 minuta

Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI

NOTA:

**L-iskript kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. Jinqara BISS mill-inviġilatur f'każ li d-diska kompatta ma taħdimx.**

**Merħba.**
**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**
**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fil-karta li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**
**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**
**Issa nitolbok tiftaħ il-karta li għandek quddiemek u ssib paġni tnejn u tlieta.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

*-------------- Waqfa ta' 30 sekonda ---------------*

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**L-Ewwel Silta: Intervista fuq Radju Kellimni**

*Il-preżentatriċi:* Għeżież semmiegħa ta' Radju Kellimni, jiena Marisa Briffa, nilqagħkom għall-programm *Kelma Bejn Tnejn*. Illum se niltaqgħu ma' Andrew Schembri, mill-Għaqda tal-Astronomija. Merħba, Andrew. Minn fejn nibet l-interess tiegħek fl-ispazju?

*Il-mistieden:* Meta kont żgħir, iffissajt fuq il-film *Star Wars* u rajtu elf darba! Dejjem xtaqt insir naf aktar dwar il-qamar u l-istilel.

*Il-preżentatriċi:* L-Għaqda għandha kuntatti ma' xi astronawti?

*Il-mistieden:* Iva, bħala Għaqda nafu ħafna astronawti. Kumbinazzjoni, ilbieraħ tkellimna ma' astronawta Taljana li qaltilna li xi xhur ilu kienet intgħażlet biex tmur fl-ispazju. L-iktar ħaġa eċitanti għaliha kienet li tara d-dinja minn dak l-għoli kollu.

*Il-preżentatriċi:* X'tagħmlu bħala Għaqda tal-Astronomija hawn Malta?

*Il-mistieden:* Norganizzaw ħafna attivitajiet differenti fosthom immorru fl-iskejjel u nkellmu lit-tfal fuq l-univers. Nagħmlu wkoll ħarġiet billejl biex nosservaw il-kwiekeb.

*Il-preżentatriċi:* Mmm interessanti! Beħsiebkom tagħmlu xi attività fiż-żmien li ġej?

*Il-mistieden:* Iva. Fil-fatt fl-10 t'Awwissu se mmorru l-Aħrax tal-Mellieħa. Matul dik il-lejla se niltaqgħu biex naraw flimkien spettaklu naturali ta' dwal fis-sema b'numru kbir ta' stilel magħruf bħala d-Dmugħ ta' San Lawrenz. Dejjem jiġu ħafna nies u għalhekk aħsbu kmieni.

*Il-preżentatriċi:* Grazzi, Andrew, talli kont magħna. Filwaqt li nħeġġeġ lilkom semmiegħa biex ma titilfux esperjenza bħal din, nirringrazzjawkom talli segwejtuna. Niltaqgħu l-ġimgħa d-dieħla fl-istess ħin għal programm ieħor informattiv. Saħħa!

**Tmiem l-ewwel silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**
Il-programm *Kelma Bejn Tnejn* jixxandar fl-erbgħa ta' waranofsinhar.
Din **Ma ssemmietx**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **Ma ssemmietx**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**
Il-mistieden tal-programm hu Andrew Schembri.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**
L-astronawta li tkellem magħha l-mistieden hi Amerikana.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**
Minbarra fl-iskejjel, l-Għaqda torganizza laqgħat fil-Kunsilli Lokali.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**
Għall-attività tad-Dmugħ ta' San Lawrenz, mhux soltu li jmorru ħafna nies.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**
Dan il-programm tar-radju jagħti tagħrif.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**
Il-mistieden tal-programm tkellem fuq l-interess tiegħu
a) fil-baħar.
b) fil-bini.
ċ) **fl-ispazju**.

It-tweġiba t-tajba hija **(ċ) fl-ispazju**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**
L-iktar ħaġa li għoġbot lill-astronawta
a) kienet li setgħet tara d-dinja mill-għoli.
b) kienet l-istilel.
ċ) kienet il-film *Star Wars*.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Il-membri tal-Għaqda jiltaqgħu biex josservaw il-kwiekeb

a) fl-għaxra ta' filgħodu.

b) tard billejl.

ċ) kull ħin tal-ġurnata.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

L-attività li jmiss se ssir

a) fil-ħdax ta' Awwissu, l-Aħrax tal-Mellieħa.

b) fl-għaxra ta' Awwissu, fir-raħal Għawdxi ta' San Lawrenz.

ċ) fl-għaxra ta' Awwissu, l-Aħrax tal-Mellieħa.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-programm *Kelma Bejn Tnejn* jixxandar

a) kuljum.

b) darba fil-ġimgħa.

ċ) darba fi ħmistax.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

L-espressjoni '***rajtu elf darba***' tfisser:

a) rajtu ftit drabi.

b) rajtu elf darba bl-eżatt.

ċ) rajtu ħafna drabi.

--------------- *Waqfa ta' 5 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġni erbgħa u ħamsa.**

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

-------------- *Waqfa ta' 30 sekonda* ---------------

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

**It-Tieni Silta: Laqgħa bejn il-ħbieb**

*Greta:* X'minnek, Kevin? Taf li aħna ilna xi tnax-il sena ma niltaqgħu! Dan l-aħħar tgħidx kemm semmejniek jien u Mark. Qbadnieha fuq il-praspar li konna nivvintaw meta konna għadna żgħar. Int dejjem kont tkun il-perċimes!

*Kevin:* Veru! Imissna norganizzaw xi ikla bejnietna biex inġeddu l-memorji! X'qed tagħmlu intom, Mark?

*Mark:* Jien u Greta bdejna nistudjaw il-fotografija u tgħidx kemm qed nitgħallmu affarijiet interessanti. Il-kors ikun kull nhar ta' Ħamis. Tant nieħdu gost li jkollna seba' mitt sena għal-lezzjoni li jmiss.

*Kevin:* Isa ħej! Minn dejjem xtaqt nagħmlu dak il-kors! Imma bħalissa qed inkun imħabbat ħafna.

*Greta:* Mela x'qed tagħmel sabiħ, Kev?

*Kevin:* Lanqas qatt m'intom se taqtgħu! Jien għadni kif ilħaqt veterinarju. Ma kienx faċli għalija għax kelli nsiefer biex nistudja. Għamilt numru ta' snin mhux ħażin Londra waħdi. Imnalla hawn l-internet għax stajt inkellem u nara lil tad-dar kuljum!

*Greta:* Kos hux! Dik minn dejjem kienet il-ħolma tiegħek u vera ferħana għalik li qtajt xewqtek sa fl-aħħar! Minn dejjem kont tħobbhom ħafna l-annimali. Tiftakar meta konna żgħar kemm konna niġġennu niġu għandek naraw l-annimali li kont trabbi?

*Kevin:* Kif nista' ninsa? Però dak iż-żmien, qatt ma ħsibt kemm trid taħdem u tistudja biex tilħaq veterinarju!

*Mark:* Interessanti! Isma', għidli naqra, xi trid tagħmel biex issir veterinarju?

*Kevin:* Jaqaw qed titħajjar tiġi assistent miegħi?

*Mark:* Naħsibha, naħsibha...

*Kevin:* Li hu żgur hu li trid tistudja ħafna x-xjenzi u tikseb riżultati eċċellenti fl-eżamijiet.

*Greta:* Isa ħej kemm rabbejt għaqal! Tiftakar kemm kienu jgħidulek l-għalliema biex tistudja aktar u tagħmel ħiltek? Kellhom raġun li xi darba għad tasal fejn trid!

*Kevin:* Eee vera nbdilt! Anki issa li lħaqt, għadni nfittex u nqalleb fil-kotba biex nitgħallem dejjem aktar. Ikolli ngħid li issa l-kotba u l-istudju saru jogħġbuni!

*Greta:* Ara la ngħid lil Sonia kif se tibqa' ħalqha miftuħ! Kevin tagħna jsalva u jgħin lil ħbiebna ta' erba' saqajn!

*Mark:* Allura fejn qed taħdem?

*Kevin:* Qed naħdem fi klinika ma' veterinarju li għandu esperjenza kbira. Fl-istess ħin qed immur darbtejn fil-ġimgħa ngħin fis-santwarju tal-annimali bħala voluntier. Anki intom tistgħu tagħtu daqqa t'id! Jekk titħajru ċemplu n-numru tnejn, tnejn, erbgħa, erbgħa, sitta, żero, sebgħa, tlieta.

| | |
|---|---|
| *Greta:* | Nagħmlu ħsieb u xi darba niġu! |
| *Mark:* | Mhux għal xi ħaġa Greta, imma aħjar naħsbu għax se jagħlqilna l-ħanut tal-kameras! |
| *Kevin:* | Żammejtkom mela! Komplu ... u ħallu lil min jarakom! Saħħiet! |
| *Greta:* | Ħu ħsieb, Kev! |

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Imla l-vojt b'kelma waħda, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

Greta u ______________ kienu ilhom madwar tnax-il sena ma jiltaqgħu ma' Kevin.
Il-kelma t-tajba hija **Mark**. Għalhekk ktibt **Mark** fil-vojt.
Mela s-sentenza ġiet: Greta u Mark kienu ilhom madwar tnax-il sena ma jiltaqgħu ma' Kevin.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

Greta u Mark kienu ilhom madwar tnax-il sena ma jiltaqgħu ma' Kevin. Tant hu hekk li Kevin issuġġerixxa li jorganizzaw ______________bejniethom.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Mark u Greta qed jistudjaw il-______________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Kevin laħaq ______________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Hu minn dejjem kien iħobb l-annimali. Biex jilħaq kellu jistudja ħafna. Huwa qed jaħdem fi ______________.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

Barra minn hekk qed imur bħala ______________fis-santwarju tal-annimali. Hu jixtieq li anki Greta u Mark isibu ftit ħin biex jgħinu l-annimali!

-------------- *Waqfa ta' 5 sekondi għal min ikun għadu jikteb* --------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

**Numru wieħed:**
Greta, Mark u Kevin huma
a) ġirien.
b) <u>ħbieb</u>.
ċ) kollegi tax-xogħol.

It-tweġiba t-tajba hija **(b)** **<u>ħbieb.</u>** Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:**
Meta kienu żgħar, Kevin
a) kien joqgħod lura milli jagħmel xi praspura.
b) kien jibża' li jaqla' kastig jekk jagħmel xi praspura.
ċ) kien ikun minn tal-ewwel li jagħmel xi praspura.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**
Greta u Mark ikollhom il-kors
a) darba fil-ġimgħa.
b) darba fi ħmistax.
ċ) darbtejn f'ġimgħa.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**
Meta Kevin mar barra biex jistudja
a) kien iħossu komdu jiġri minn post għal ieħor.
b) sabha diffiċli għax ħass in-nuqqas tal-familja.
ċ) xtaq li mar xi mkien ieħor għax Londra m'għoġbitux.

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

Meta kien żgħir, Kevin

a) kien jistudja l-fotografija.

b) ma kienx iħobb jistudja ħafna.

ċ) kien jistudja ma' Greta u Mark.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

L-espressjoni **'jkollna seba' mitt sena'** tfisser li:

a) nkunu xjaħna ħafna.

b) ma jkollna ħeġġa ta' xejn.

ċ) nkunu ħerqanin ħafna.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma', tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

--------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa għandek ftit ħin biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

--------------- *Waqfa ta' minuta* ---------------

**Grazzi. Is-sessjoni tas-smigħ spiċċat. Saħħa!**